MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tat-2 ta' Mejju, 2012

Numru. 1137/2009

**Il-Pulizija**
**(Spettur Frans Micallef)**

**Vs**

**Reuben Barun ta' 26 sena bin Anthony u Monica nee' Bezzina mwieled Pieta' fl-14 ta' Awwissu 1985 u joqghod 19, Reuben, Triq Strickland, Zabbar u detentur tal-karta tal-identita' numru 411885(M)**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza kontra 'l hawn fuq imsemmi Reuben Barun li gie akkuzat talli fil-11 ta' Novembru 2005 f' Hal Luqa b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragini, jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew fil-professjoni tieghu jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti involontarjament ikkaguna offiza ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Gamal Wadeed Tawfek Iskander, liema offiza halliet debulizza fis-sahha jew funzjoni ta' xi

parti tal-gisem jew difett permanenti f'parti tal-ghamla tal-gisem kif iccertifikat minn Mr. C. Sciberras MD FRCS.

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet il-provi.

Rat in-nota ta' rinviju ghal gudizzju ta'l-Avukat Generali tal-1 ta' Marzu 2011.

Semghet lill-imputat jiddikjara illi ma kellux oggezzjoni illi l-kaz jigi trattat u deciz bil-procedura sommarja minn din il-Qorti.

Semghet trattazzjoni

Ikkunsidrat;

Illi huwa fatt mhux ikkontestat illi kien sehh incident fuq il-post tax-xoghol fejn l-parti leza kif ukoll l-imputat kienu impjegati u cioe' s-socjeta CR Limited ta' Hal Luqa. Dana l-incident jirrisali ghal Novembru 2005 u dawn il-proceduri gew istitwiti fil-konfront ta'l-imputat in segwitu ghal rapport illi ghamel l-parti leza lill-pulizija l-10 ta' Dicembru 2008 u cioe' tlett snin wara. Dana sehh peress illi s-sahha tal-parti leza bdiet sejra lura u ghalhekk wara li huwa ha parir legali iddecieda jirraporta dana il-kaz lill-pulizija. Illi ghal xi raguni inspjegabbli dana l-incident ma kienx gie irrapurtat lill-pulizija u lill-awtoritajiet ikkoncernati *a tempo vergine* u kwindi ma sarux l-indaginijiet kollha mehtiega sabiex jigi zgurat illi ma kien hemm l-ebda nuqqasijiet fuq il-post tax-xoghol ta' dawn it-tnejn minn nies.

Illi dwar il-fattispecje ta' dana il-kaz ghalhekk hemm il-verzjoni ta'l-parti leza u ta'l-imputat stess billi hadd iktar ma kien prezenti meta sehh l-incident. L-parti leza kien impjegat bhala welder mas-socjeta CR Ltd, filwaqt li l-imputat kien labourer. Fl-ghodwa meta sehh l-incident, l-parti leza kien qed jiehu hsieb iqatta' xi hadid u l-imghallem, certu Charles Cini, bghat lill-imputat sabiex ighin lil Gamal fix-xoghol tieghu u cioe' sabiex jerfaghlu xi affarijiet. L-imputat sabiex jaghmel dan uza forklifter.

Jidher illi fil-hin li l-imputat kien qed isuq dan l-forklifter u kien wasal vicin Gamal, dan ta'l-ahhar waqa' fuq irkobbtejh ghal fuq bicca hadida u sofra xi griehi tant illi sabiex iqum kellhom jigu nies ohra fosthom Cini stess sabiex ighinuh.

Illi l-parti leza jikkontendi illi l-imputat laqqtu fuq saqajh bil-forklifter bil-konsegwenza illi huwa tilef il-bilanc u waqa'. Jikkontendi illi huwa intlaqat bil-parti tal-furketta ta' dan il-forklifter. Illi l-imputat minn naha tieghu ghalkemm ma jichadx illi fil-mument ta'l-incident kien qieghed isuq il-forklifter, madanakollu jichad illi laqqtu hu. Fl-istqarrija rilaxxjata minnu f'Lulju tal-2009, izda ighid illi huwa waqqaf il-forklifter ma' genb l-parti leza u kif zamm il-brake il-frieket tal-forklifter iccaqalqu u accidentalment laqat lill-parti leza f'siequ. Bil-konsegwenza ta' dan Gamal zbilancja ruhu u waqa' mal-art.[1] Illi l-Qorti tqies illi dina l-verzjoni hija wahda iktar verosimili minn dak li ighid l-imputat ix-xhieda tieghu. Fil-fatt meta jixhed ighid: "*mort gibt il-forklifter u waqt li gej ghal hdejh, sewwa, dana gejt b'dawra jiena ghax ridt indur u kif wasalt xi zewg metri 'il boghod minnu nisimghu ighidli 'ajma, ajma, ajma', f'daqqa wahda u jiena minnufih waqaft.*" Mistoqsi, imbaghad in kontro-ezami jekk ghamilx xi sinjal lil Gamal li kien wasal vicin tieghu bil-forklifter, l-imputat wiegeb li ma ghamilx dan ghax dehrlu illi Gamal kien jaf li kien wasal hdejh. Illi dana ma ihalli l-ebda dubbju illi l-parti leza beda ighajjat ghaliex kien intlaqat, waqa' u wegga meta il-forklifter li kien qed isuq l-imputat vicin tieghu laqqtu accidentalment. Ma jidher illi hemm l-ebda spjegazzjon ohra plawsibbli illi joffri l-imputat 'il ghala l-parti leza waqa' meta hu kien qed jarah fuq saqajh u jahdem.

Illi l-Qorti hija tal-fehma illi dana kien incident sfortunat li madanakollu ma jahtix biss l-imputat ghalih, izda ukoll l-imghallem tieghu li naqas milli ihares is-sahha u is-sigurta ta'l-impjegati tieghu fuq il-post tax-xoghol. Illi sfortunatament, hafna drabi, l-incidenti fuq il-post tax-xoghol isehhu minhabba il-fatt illi tiidhol certu non-kuranza ghar-riskji li jistghu ikunu prezenti u li jigu injorati

[1] Ara stqarrija a fol.13

minhabba certu kunfidenza zejda li ikollhom il-haddiema f'dak li ikunu qed jaghmlu. L-imghallem allura ihalli f'idejhom minghajr ma jiehu il-mizuri kollha mehtiega sabiex jigu evitati danni fizici u psikologici, korriment jew mewt fuq il-postijiet tax-xoghol li huma bazati fuq il-principji generali ta' prevenzjoni. Dawn ir-regoli tal-prevenzjoni fil-fatt jinsabu regolati fl-artikolu 6 tal-Kapitolu 2 tal-Ligijiet ta' Malta:

"***Min ihaddem ghandu dejjem jizgura is-sahha u s-sigurta tal-persuni kollha li jistghu jigu afettwati bix-xoghol li jkun qieghed isir ghal dik il-persuna li thaddem:***"

Imbaghad il-ligi telenka il-mizuri li ghandhom jittiehdu:

***(a) li jigi evitat riskju;***

***(b) l-identifikazzjoni ta' perikli assocjati max-xoghol;***

***(c) l-evalwazzjoni ta' dawk ir-riskji li ma jistghux jigu evitati;***

***(d) il-kontroll mill-bidu ta' dawk ir-riskji li ma jistghux jigu evitati;***

***(e) li jittiehdu l-mizuri necessarji kollha biex jirriducu r-riskju kemm ikun ragonevolment prattiku, inkluz li jitbiddel dak li huwa perikoluz b'dak li ma jkunx perikoluz jew li jkun anqas perikoluz;***

***(f) billi tinghata prijorità lill-mizuri ta' protezzjoni kollettivi fuq mizuri ta' protezzjoni individwali;***

***(g) li jigi adattat ix-xoghol ghall-haddiem, partikolarment ghal dak li ghandu x'jaqsam ma' l-iddisinjar ta' postijiet tax-xoghol, l-ghazla ta' taghmir tax-xoghol u l-ghazla ta' metodi ta' produzzjoni u ta' xoghol, u partikolarment sabiex jigi mnaqqas xoghol monotonu u xoghol li jkollu rata ta' xoghol stabbilita minn qabel, u biex jitnaqqas l-effett taghhom fuq is-sahha;***

***(h) billi wiehed jaddatta ruhu ghall-progress tekniku fl-interess tas-sahha u tas-sigurtà fuq il-post tax-xoghol; u***

***(i) billi tigi zviluppata policy ta' prevenzjoni globali u logika li tkopri it-teknologija, l-organizzazzjoni ta' xoghol, il-kundizzjonijiet ta' xoghol, ir-relazzjonijiet socjali u l-influwenza ta' fatturi li ghandhom x'jaqsmu ma' l-ambjent tal-post tax-xoghol.***"

Illi dana kollu qed jinghad peress illi mill-provi li hemm fl-atti jidher car illi dawn il-mizuri f'dana il-kaz ma ittiehdux. Jidher car fl-ewwel lok illi l-imputat ma inghata l-ebda tahrig sabiex isuq forklifter, tahrig importanti u necessarju billi s-sewqan ta' forklifter huwa ghal kollox differenti minn sewqan ta' vettura normali u dana ghal ragunijiet ovvji. Biss biss il-forklifter ghandu piz fuq in-naha ta' quddiem tieghu fejn hemm il-furketta. Wiehed irid joqghod attent li ma jizbilancjax ruhu specjalment meta ikunu qed isiru certu manuvri. Illi l-furketta tasal hafna iktar 'il quddiem minn fejn ikun is-sewwieq u allura is-sewwieq ghandu izomm *proper lookout* ikbar ghal dak kollu li jinsab fil-vicinanzi tieghu b'mod specjali quddiem u jekk ikun qieghed idawwar, bhal kif kien qed jaghmel l-imputat, ghal dak kollu li hemm mad-dawra tieghu. L-imputat jikkonferma, meta mistoqsi in kontro-ezami, illi huwa qatt ma irceva l-ebda forma ta' tahrig mill-imghallem tieghu dwar is-sewqan tal-forklifter. Wiehed irid iqies ukoll illi fiz-zmien ta'l-incident l-imputat kellu ghoxrin sena u kwindi ma kienx ilu zmien twil hafna li kiseb il-licenzja tas-sewqan. Illi ghalkemm l-imputat ma kellux dana it-tahrig, l-imghallem tieghu xortwahda baghtu sabiex isuq dana il-forklifter. Meta mistoqsi jekk kienx isir manutenzjoni fuq il-forklifter, Charles Cini, kif kellu dritt li jaghmel skond il-ligi, ghazel li ma iwegibx ghal dina d-domanda sabiex ma jinkriminax ruhu.

Dana kollu madanakollu ma jistax jezonera kompletament lill-imputat mir-responsabbilta tieghu ghal dana is-sinistru. Illi l-artikolu 7 tal-Kapitolu 424 tal-Ligijiet ta' Malta jitkellem dwar id-dmirijiet ta'l-impjegat fuq il-post tax-xoghol meta

jiddisponi: "***Huwa dmir ta' kull haddiem li jissalvagwardja s-sahha u s-sigurta tieghu nnifsu kif ukoll dik ta' persuni ohra li jistghu jigu affettwati bix-xoghol li jkun qieghed isir***." Kwindi anke l-impjegat ghandu jezercita dik l-attenzjoni u id-diligenza mehtiega sabiex jizgura illi b'dak illi jaghmel la iwegga' hu u lanqas iwegga' lil haddiehor. Dana l-obbligu huwa strettament marbut mal-kuncett tal-*culpa* li jinsab id-dritt penali.

*"Kif spjiega l-gurista taljan* **Francesco Antolisei***, biex wiehed jifhem l-essenza vera tal-kolpa, wiehed irid jzomm f'mohhu li fil-hajja socjali spiss jinholqu sitwazzjonijiet li fihom attivita diretta ghal xi fini partikolari tista' taghti lok ghal konsegwenzi dannuzi lil terzi. L-esperjenza komuni jew l-esperjenza teknika - cioe l-esperjenza komuni ghal bnedmin kollha jew dik l-esperjenza ta' kategorija ta' nies li jesplikaw attivita partikolari - tghallem li f'dawn il-kazijiet wiehed ghandu juza certi prekawzjonijiet bil-ghan li jevita li l-interessi ta' l-ohrjan jigu pregudikati.*

***"Sorgono per tal modo, jkompli dan l-awtur, delle regole di condotta. Spesso si tratta di semplici usi sociali come, per es., quello per cui il possessore di un'arma da fuoco e' tenuto a scaricarla, quando la depone in un luogo frequentato. Non poche volte interviene lo Stato od altra autorita', pubblica o privata, a fissare queste regole, disciplinando determinate attivita', piu o meno pericolose, in modo da prevenire, per quanto e' possibile, conseguenze nocive per i terzi… Il reato colposo nasce sempre e soltanto dall'innosservanza di talune delle norme indicate. L'infrazione giustifica nei confronti dell'agente un rimprovero di leggerezza. Il giudice dice all'imputato: tu non sei stato cauto e diligente come avresti dovuto. Il rimprovero, cosi formulato, e' la conseguenza caratteristica del reato colposo, perche nel reato doloso il giudice improvera al reo di aver voluto il fatto proibito, mentre nel fatto incolpevole (il c.d. caso fortuito) nessun biasino puo muoversi all'agente. Riteniamo, pertanto, che l'essenza della colpa debba ravvisarsi nella inosservanza di norme sancite dagli usi o***

***espressamente prescritte dalle autorita' allo scopo di prevenire eventi dannosi" [Antolisei, F., Manuale Di Diritto Penale, Parte Generale, Giuffre' (Milano), 1989, pp322-323***

***"Din il-Qorti taqbel perfettament ma din l-esposizzjoni. In fatti, l-artikolu 225 tal-Kodici Kriminali taghna jirreferi ghar-regoli ta' kondotta derivati mill-esperjenza komuni jew teknika bil-kliem 'nuqqas ta' hsieb', 'traskuragni', u 'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni', filwaqt li dawk r-regoli ta' kondotta statutorjament stabbiliti huma indikati bil-kliem 'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti'. Hu appena necessarju jinghad li b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti l-legislatur mhux qed jirreferi biss ghal legislazzjoni sussidjarja (li tigi fis-sehh permezz ta' avvizi legali, notifikazzjonijiet tal-Gvern, ordnijiet etc.) izda ghal kull forma ta' kondotta statutorjament stabbilita, u ghalhekk qed jirreferi wkoll ghal dawk r-regolamenti promulgati minn enti privati (per ez. r-regolamenti imfassla minn sid ta' fabbrika biex jipprevjeni hsara ghal kull min jahdem jew jidhol f'dik l-fabbrika).***

*In fatti kemm fil-**Codice Zanardelli** kif wkoll fil-**Codice Rocco**, l-espressjoni uzata hi **"inosservanza di leggi, regolamenti, ordini o discipline."** Il-Qorti tikkonkludi fuq dan il-punt billi tissottolinea li anke f'kaz ta' nuqqas ta' tharis ta' regolamenti l-essenza tal-kolpa hi l-istess bhal fil-kaz ta' nuqqas ta' hsieb, traskuragni jew imperizja. In-nuqqas ta' osservanza ta' regoli stabbiliti minn xi awtorita ghat-tharis ta' terzi tammonta ghal negligenza jew imprudenza, il-ghaliex huwa certament impurdenti jew negligenti mhux biss minn jittraskura li jiehu dawk l-prekawzjonijiet indikati mill-esperjenza ordinarju tal-hajja, izda wkoll minn jittraskura li josserva dawk l-prekawzjonijiet specifikatament preskritti min xi awtorita"*

*"Kif jispjiega l-gurista **Francesco Carfora** (Digesto Italiano, Vol 7, Parte 2, v. Colpa (materia penale), Diritto Vigente, p. 775) jekk il-prudenza tikkonsisti filli persuna taghmel dak li hu ragonevolment mistenni minnha sabiex*

*tipprevjeni l-konsegwenzi dannuzi ta' ghemilha, l-imprudenza, li hija n-negazzjoni ta' din il-virtu', tikkonsisti filli wiehed jaghmel avventatament dawk l-affarijiet li hu messu ppreveda li setghu jikkagunaw hsara. It-traskuragni, mill-banda l-ohra, timplika cert non-kuranza certu abbandun, kemm intellettiv kif wkoll materjali. Fiz-zewg kazijiet, pero l-hsara tkun prevedibbli ghalkemm mhux prevista; kieku kienet wkoll prevista, wiehed ikun qieghed fil-kamp doluz b'applikazzjoni tad-dottrina tal-intenzjoni posittiva ndiretta."* **[Kollez. Deciz Vol. XLV iv 870, 903)**

Il-Carrara jaghti d-definizzjoni klassika tal-Colpa Criminale, b'dan il-kliem:

**"*La volontaria omissione di diligenza nel calcolare le conseguenze possibli e prevedibbli del proprio fatto*"** (para 8 pg. 114).

Illi ukoll f'sentenza moghtija mill-Qorti ta'l-Appell Kriminali fil-31 ta' Lulju 1998 fil-kawza fl-ismijiet *Il-Pulizija vs Saverina sive Rini Borg et* gie rilevat li l-imprudenza tigi mill-agir ta' xi hadd minghajr ma jiehu l-opportuni kawteli. In-negligenza tigi mid-disattenzjoni u diskorrettezza ta'l-agent fil-kondotta tieghu waqt li l-imperizia hija l-forma specifika tal-kopla professjonali.

Illi minn dina l-esposizzjoni legali ghalhekk ma hemmx dubbju illi l-imputat kien negligenti u imprudenti fl-azzjonijiet tieghu b'tali mod illi dana wassal sabiex l-parti leza isofri danni meta waqa' u wegga irkobbtejh.

Ikkunsidrat,

Illi jifdal ghalhekk sabiex jigi stabbilt in-natura tal-griehi sofferti mill-parti leza f'dana l-incident. Dana qed jinghad billi mill-provi akkwizti jidher illi Gamal kien diga ibati minn kundizzjoni ta' sahha prekarja qabel ma sehh dana l-incident. Dana jixhdu b'mod dettaljat il-Professur Carmel Sciberras li beda isegwi lill-parti leza ftit taz-zmien wara li sehh dana l-incident. Illi kemm fix-xhieda moghtija minnu

kif ukoll fir-rapport dettaljat ipprezentat[2] jidher illi l-parti leza kellu problemi f'daharu fl-1994, kellu jistrieh u minhabba f'dan izda zviluppalu trombozi f'saqajh tax-xellug. ***"This leg was discoloured and swollen before his accident to his left knee."*** Madanakollu jidher illi ghalkemm kellu dina l-kundizzjoni l-imputat xorta wahda kompla imur ghax-xoghol u ma jidhirx illi kien ibati minn xi limitazzjonijiet fl-esekuzjoni tax-xoghol tieghu. Jidher illi wara l-incident mertu tal-kawza Gamal ittiehed lejn id-dar izda wara mar l-isptar fejn sarulu xi X-rays li wrew li ma kienx hemm fratturi. Madankollu huwa baqa' jilmenta minn ugigh u irkobbtejh baqghet minfuha. Madwar sena wara sarlu MRI li wera is-segwenti: **"*degenrative changes to the left knee together with a tear of the posterior horn of the medial meniscus*."** Dana ifisser illi kien hemm sinjali ta' trawma fl-irkobba. Sarlu intervent izda huwa xortawahda baqa' jilmenta minn ugigh tant illi ghalkemm rega' ipprova jidhol ghax-xoghol, huwa ma irnexxielux jahdem u ghalhekk spicca *boarded out*. Illum l-parti leza spicca kompletament dipendenti fuq martu peress illi ma jiflahx jimxi iktar wahdu. Minhabba f'dana huwa waqa' f'dipressjoni u spicca taht il-kura ta' Dr.John Mifsud.[3]

Illi l-Qorti innominat lil Dr. Mario Scerri bhala espert mediko-legali illi ezamina lill-parti leza u ha konjizzjoni tar-rapporti medici esebieti. L-espert jikkonkludi illi l-parti leza illum ghadu mugugh u ma jistax jimxi fit-tul minghajr l-uzu tal-krozzi. Ighid illi l-kondizzjoni mentali tieghu iddeterjorat u qieghed ibati minn chronic reactive depression rizultat ta' dana l-incident. Illi ghalkemm id-***degenerative changes*** fl-irkobba ix-xellugija kienu prezenti qabel l-incident, madanakollu it-ticrita fil-***posterior horn tal-medial meniscus*** giet subita waqt l-incident imsemmi. Jidher illi l-parti leza ghandu bzonn ***total knee replacement*** madanakollu dina l-operazzjoni hija ferm riskjuza minhabba il-fatt illi huwa diga sofra DVT, ghandu l-pressjoni gholja u ibati mill-***hypercholesterolaemia***. Illi minn dana kollu jirrizulta ghalhekk illi ghalkemm l-parti leza kien ibati minn certu kundizzjonijiet fis-sahha tieghu

[2] Ara xhieda a fol. 87 u rapport a fol.27 et. seq
[3] Ara xhieda u rapport a fols. 153 u 124

qabel l-incident fejn kienet involuta saqajh ix-xellugija, madanakollu ma jidhirx illi qabel l-incident huwa kellu xi kundizzjoni f'irkobbtejh. L-irkobba sofriet griehi matul dana l-incident konsistenti fit-ticrita tal-*posterior horn* tal-*medial meniscus* u ghalkemm sar xi intervent biex isewwi dan, madanakollu jidher illi dana ma irnexxiex bil-konsegwenza illi l-imputat ghandu bzonn intervent kirurgiku li minhabba l-kundizzjoniji ta' sahha tieghu hija ferm riskjuza. Illi ghalhekk l-Qorti tista' tasal ghal konkluzjoni illi l-parti leza sofra griehi ta' natura gravi f'dana l-incident kif previst fl-artikolu 216(1)(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi meta tigi biex tqies il-piena li ghandha tigi inflitta l-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni is-segwenti fatturi. Fl-ewwel lok, it-trapass taz-zmien minn meta sehh l-incident sa meta gie irrapurtat il-fatt lill-pulizija u eventwalment gie iprocessat l-imputat ghal dana l-incident. Fit-tieni lok, n-negligenza kontributorja ta'l-imghallem ta'l-imputat li ma hax il-prekawzzjonijiet kollha necessarji sabiex jassigura s-sahha u is-sigurta fuq il-post tax-xoghol ta' dawn it-tnejn minn neis involuti f'dana il-kaz. Illi ghalkemm ghadda hafna zmien minn meta sehh dana l-incident, l-Qorti xortwahda ser tigbed l-attenzjoni ta'l-Awtorita tas-Sahha u is-Sigurta fuq il-Post tax-Xoghol ghal dana l-incident biex jittiehdu il-mizuri sabiex ma jerga jigi ripetut incident simili.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikoli 225, 226(1)(b) u 216(1)(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta issib lill-imputat hati ta'l-akkuza migjuba fil-konfront tieghu u tikundannah multa ta' elf u hames mitt ewro (€1500).

Inoltre wara li rat l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tordna lill-imputat ihallas lir-Registratur tal-Qorti is-somma ta' €234.09 spejjez peritali.

Il-Qorti tordna li kopja ta' dina is-sentenza tigi notifikata lill-Awtorita tas-Sahha u is-Sigurta fuq il-Post tax-Xoghol.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------